**16 ta' Novembru, 1959**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Francesco Penza

*versus*

Giuseppe Cachia

**Sponsali — Wegħda ta' Żwieġ — Danni — Art. 1111 u 1035(2) tal-Kap. 23 — Proklama tat-28 ta' Ġunju 1834 (Kap. 7 Ed. Riv.).**

*Il-wegħda ta' żwieġ tikkostitwixxi veru u proprju kuntratt bilaterali.*

*Skond il-liġi ċivili, b'illi hija kuntratt, ma tistax titħassar ħlief bil-kunsens taż-żewġ partijiet jew għal raġunijiet magħrufa mill-liġi. F'materja mbgħad ta' sponsali, jekk waħda mill-partijiet tikser volontarjament u illegalment dik il-wegħda, il-parti offiża jkollha l-jedd li teżerċita l-azzjoni tad-danni kontra l-parti ħatja tal-ksur jew nuqqas ta' eżekuzzjoni, b'dak il-mod u taħt l-istess regoli stabbiliti mill-liġi għat-talba għad-danni għal ksur ta' kull wegħda, kuntratt jew konvenzjoni oħra; jiġifieri illi l-isponsali jew partifikati għall-kuntratti l-oħra in ġenerali.*

*U hija meħtieġa raġuni gravi b'ex tilleġittima lil waħda mill-partijiet li tħassar l-għerusija; u s-sempliċi fatt li l-parti offiża tirrestitwixxi lill-parti li kisret l-għerusija l-oġġetti li din tkun tatha fil-kors tal-isponsali ma hux neċessarjament tali li jimporta ratifika tar-reżilizzjoni m'il-isponsali u rinunzja għall-azzjoni tad-danni.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut kien għarus mat-tifla tal-instan-

ti li jisimha Tessie, u wara sena u nofs gherusija huwa, minghajr ġusta kawża kiser din l-gherusija; u illi b'dan l-aġir tal-konvenut l-instanti sofra ħsara; talab li l-konvenut, ghar-raġunijiet fuq imsemmija, jiġi kundannat minn dil-Qorti jħallas lill-attur dik is-somma li tiġi likwidata minn dil-Qorti in rizarċiment tad-danni sofferti mill-attur ghall-ħtija tal-konvenut. Bl-imghax legali. Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta'-ittra uffiċjali tas-7 ta' April 1958, u tal-mandat tal-impediment tal-partenza tas-16 ta' April 1958, kontra l-konvenut;

*Omissis:*

**Ikkunsidrat;**

Illi l-perit, fl-imsemmija relazzjoni tieghu, issottometta (1) illi l-imġieba ta' Teresa Penza, fil-kumpless taċ-ċirkustanzi, ma tiġġustifikax l-eċċezzjoni tal-konvenut li huwa kiser l-gherusija minħabba l-kostumi leġġjeri tagħha; (2) u illi d-danni li sofra l-attur jammontaw ghas-somma ta' £176.12.0, kwantu ghal £158 prezz ta' oġġetti mixtrija mill-attur ghad-dota ta' bintu Teresa, u kwantu ghal £18.12.0 prezz tal-ikel li l-konvenut ħa minn ghand il-konvenut;

Illi l-attur irrimetta ruħu ghar-rapport, iżda l-konvenut, fit-trattazzjoni orali li saret dwar l-istess rapport, baqa' jsostni li l-gherusija sfrattat minħabba l-kostumi leġġjeri tal-gharusa;

Illi, kif ġie ripetutament deċiż anki mill-Qrati Taghna, il-weghda taż-żwieġ tikkostitwixxi veru u proprju kuntratt bilaterali; u skond l-art. 1035(2) tal-Kodiċi Ċivili, wieħed mill-effetti tal-kuntratt huwa li ma jistax jiġi mħassar ħlief bil-kunsens taż-żewġ partijiet jew ghal raġunijiet maghrufin mil-liġi. F'materja mbghad ta' sponsali, il-Proklama tat-28 ta' Gunju 1834 (Kap. 7) jiddisponi illi "jekk persuna kapaċi skond il-liġi taghmel weghda, kuntratt jew konvenzjoni dwar ċelebrazzjoni ta' żwieġ . . . . u tiksirhom volontarjament u illegalment . . . . . il-parti offiża jkollha l-jedd li teżerċita l-azzjoni tad-danni kontra l-parti ħatja tal-ksur jew tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni, b'dak

il-mod u taħt l-istess regoli stabbiliti mil-liġi għat-talba tad-danni għall-ksur ta' kull wegħda, kuntratt jew konvenzjoni oħra"; jiġifieri, l-isponsali ġew parifikati għall-kuntratti l-oħra in ġenerali;

Issa, fost ir-raġunijiet l-oħra preveduti mil-liġi għar-riżoluzzjoni tal-kuntratti hemm il-kondizzjoni riżoluttiva taċita fil-każ li waħda mill-partijiet tkun inadempjenti (art. 1111 Kod. Ċiv.); iżda l-kuntratt ma jinħallx "ipso jure", tant li l-Qorti tista' tagħti, skond iċ-ċirkustanzi, żmien xieraq lill-inadempjenti biex ikompli l-obligu tiegħu; u dan għar-raġuni li r-riżoluzzjoni ta' kuntratt hija ħaġa serja, u jista' jkollha għall-kontraenti konsegwenzi diżastrużi; għaliex, kif josserva Marcadè, "revocare una convenzione significa annientarla retroattivamente come se non fosse mai stata" (Cod. Napol. art. 1134, §464). Għaldaqstant, hemm bżonn illi l-inadempiment ikun gravi u proporzjonat għall-konsegwenzi derivanti mir-riżoluzzjoni (Fadda. Giurisp. Cod. Civ. Ital., art. 1165, §§236 u 239); u b'applikazzjoni ta' dan il-prinċipju għar-reżiliment mill-isponsali, skond il-ġurisprudenza tagħna, hija meħtieġa raġuni gravi (Kollez. XXII-I-26);

Illi konsegwentement jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk il-konvenut kellux raġuni gravi biex iħassar l-għerusija kif għamel;

Illi din ir-raġuni l-konvenut jagħmilha tikkonsisti filli l-għarusa ma obdietux u marret sal-Marsa fil-karrozza misjuqa mill-għarus t'oħtha, ċertu Mario. Il-perit legali eżamina bir-reqqa dan l-inċident, u kkonkluda, kif ġa ntqal, illi l-imġieba ta' Teresa Penza ma kienetx tali li tiġġustifika t-terminazzjoni tal-għerusija; u l-Qorti taqbel mal-perit u tadotta r-raġunamenti li fuqhom ibbaża l-konklużjoni tiegħu;

Illi, barra minn dan, ta' min josserva illi l-Ħadd ta' qabel l-inċident l-imsemmi Mario (li allura kien daħal għarus) mar għand l-attur, kiel fuq l-istess mejda mal-konvenut, u filgħaxija wassal lill-istess konvenut bil-karrozza d-dar tiegħu (fol. 51). Dak inhar tal-inċident il-kon-

venut mar għand l-għarusa akkompanjat mill-istess Mario, u ħa t-tè flimkien miegħu (fol. 51). Dawn iċ-ċirkustanzi, barra milli juru li bejn il-konvenut u l-imsemmi Mario kien hemm familjarità, huma tali li setgħu jinduċu fl-għarusa l-konvinzjoni illi l-projbizzjoni tal-konvenut ma kienetx ġustifikata; molto pjù illi, kif irriżulta, fil-karrozza kienu sejrin il-kuġin tagħha u tliet ħutha. Hawn ta' min josserva wkoll illi l-konvenut lix-xhud Stella Bugeja kien qalilha li ħassar għaliex l-għarusa kienet tgħir għal oħtu (fol. 55), u b'hekk wera li kellu bżonn isib xi pretest ieħor, billi dak li fuqu ħassar l-għerusija ma kienx jidher serju biżżejjed;

Illi l-konvenut, kif jidher mid-dikjarazzjoni tiegħu (fol. 5), jippretendi li l-attur irratifika r-reżiliment billi rrestitwielu l-oġġetti ġa minnu mogħtija lill-għarusa, u għalhekk ġie rrinunzja għall-azzjoni minnu esperita;

Illi, apparti li ma ġiex pruvat x'kienu sewwa l-oġġetti restitwiti, jekk ċjoè kienux veri rigali jew oġġetti mogħtija lilha in konsiderazzjoni taż-żwieġ futur, f'liema każ ir-restituzzjoni kellha ssir indipendentement minn min kellu ħtija fir-reżiliment (art. 1905 Kod. Ċiv., kif interpretat mill-ġurisprudenza — Kollez. XXIX-II-68, u XXXII-I-268), din ir-restituzzjoni, kif ġie drabi oħra ritenut, mhix biżżejjed biex tikkostitwixxi l-pretiża rinunzja (Kollez. XVI-II-187); u konsegwentement l-eċċezzjoni tal-konvenut qegħdha tiġi respinta, bl-ispejjeż;

Illi kwantu għal-likwidazzjoni tad-danni ma saret ebda kontestazzjoni; u anki f'dan ir-rigward il-Qorti, wara li eżaminat ir-riżultanzi proċesswali, tadotta l-konklużjonijiet tal-perit; iżda fl-istess ħin tosserva illi l-konvenut ikollu, mal-ħlas, id-dritt jirtira minn għand l-attur l-oġġetti li hu xtara għal bintu Teresa, u li jinsabu msemmija fid-dokumenti fol. 38, 39, 40 u 41 tal-proċess;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' t-talba tal-attur, billi tikkundanna lill-konvenut iħallaslu s-somma ta' £176. 12.0, bid-dritt li jirtira l-oġġetti fuq riferiti;

L-ispejjeż iħallashom il-konvenut.